

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 42/2012****tat-18 ta' Jannar 2012****dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-allokkazzjoni ta' drittijiet tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet imressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Jannar 2012 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għal-laħam tat-tjur**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 <sup>(3)</sup> fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw mill-Brażil, mit-Tajlandja u minn pajjiżi terzi oħrajn.
- (2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa, għall-gruppi 1, 2, 4, 6, 7 u 8, matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Jannar 2012 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2012 għal ċerti kwoti jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa kemm jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-

importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokkazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba.

- (3) L-applikazzjonijiet għal drittijiet tal-importazzjoni mressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Jannar 2012 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2012, għall-grupp 5, huma oġġa mill-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat il-limitu tad-drittijiet tal-importazzjoni li jistgħu jiġu allokati, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokkazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa skont ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2012 għall-gruppi 1, 2, 4, 6, 7 u, 8 japplika l-koeffiċjent tal-allokkazzjoni stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. Għall-applikazzjonijiet għal drittijiet tal-importazzjoni mressqa skont ir-Regolament (KE) Nru 616/2007, għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2012, għall-grupp 5, japplika l-koeffiċjent tal-allokkazzjoni stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-19 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.

## ANNEX

In-nru tal-grupp	In-nru tas-serje	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa għas-subperjodu mill-1.4.2012 sat-30.6.2012 (f%)
1	09.4211	0,555946
6	09.4216	0,817945

In-nru tal-grupp	In-nru tas-serje	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal drittijiet tal-importazzjoni mressqa għas-subperjodu mill-1.4.2012 sat-30.6.2012 (f%)
5	09.4215	1,220003